**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta' Marzu, 2017

Rikors Konġunt Nru : 26/17AL

**A B u b'digriet tas-7 ta' Marzu 2017**
**il-Qorti ordnat illi il-kliem A B**
**tigi sostitwita bl-isem A S**
**u**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew :

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar l-erbgħa ta' Novembru, 2006 (2006) fir-Reġistru Pubbliku Valletta, minn liema żwieġ twieled il-minuri R B fl-4 ta' Ottubru 2009 (ara Dok. RB 1 hawn anness);

2. Illi l-partijiet lahqu ftehim dwar is-separazzjoni taghhom u sseparaw legalment nhar l-erbgha ta' Awwissu, tas-sena elfejn

u sittax (04/08/2016) permezz ta’ kuntratt in atti Nutar Dr. Francesca Portelli (vide kopja legali tal-kuntratt mmarkat Dok. RB 2 hawn anness);

3. Illi mandankollu l-partijiet ilhom separati de facto minn xulxin mis-sena elfejn u hdax (2011), u cioe` ghal aktar minn erba’ (4) snin;

4. Illi m’hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-mizzewġin stante li huma qed jgħixu ħajja kompletament separata u sahansitra joqgħodu f’pajjiżi differenti;

5. Illi l-minuri qed jirċievi manteniment adekgwat skont l-istess kuntratt u ma hemm ebda arretrati pendenti;

6. Illi dawn il-fatti hawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mill-ligi għall-ksieb tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal- Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

1. Tippronunzja d-Divorżju bejn il-partijiet B ai termini tal-artikolu 66B tal-Kodici Ċivili;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien li l-istess Qorti jogħgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan tal-aħħar jirreġistra l-istess fiċ-ċertifikat taż-żwieg tal-partijiet.

Salv kull provvediment ieħor li din il-Qorti jidrilha huwa xieraq u ġust;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta’ Frar, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-4 ta' Awwissu 2016 u de facto separati mis-sena 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.